MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1199/1999/1

**Joseph u Carmen konjugi Gaffarena**

**vs**

**Mixer Limited u b'digriet tas-27 ta' Ottubru, 1999**
**gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena**
**u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2000 il-Qorti**
**rrevokat 'contrario imperio' d-digriet**
**fejn gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena**

Il-Qorti:

Dan huwa provvediment dwar rikors intavolat mis-socjetà konvenuta appellanti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru, 2002 illi permezz tieghu dina l-Qorti qed tintalab testwalment illi:
"i. tisma' x-xhieda ta' Emmanuel sive Wally Gaffarena u ta' l-Ispettur Helga Debono ai termini ta' l-artikolu 208(1)(b), (c) u (d) Kap. 12;

"ii. tordna li jigi pprezentat l-i*statement* maghmul minn Emmanuel sive Wally Gaffarena quddiem l-Ispettur Helga Debono ai termini ta' l-artikolu 150(1)(a), (b) u (d) Kap. 12; u

"iii. tissospendi s-smigh ta' dan l-appell pendenti s-smigh tal-proceduri fl-ismijiet *Mixer Limited, gjà Planka Limited, u Sebastian u Maria konjugi Dalli vs Joseph u Carmen konjugi Gaffarena u Emmanuel sive Wally Gaffarena*, Cit. Nru. …, u dan wara li tisma' u tiehu konjizjoni tal-provi fuq imsemmija";

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati ghar-rikors hawn fuq imsemmi illi fiha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi t-talbiet relativi jigu michuda u illi jigi ordnat illi dan l-appell jitkompla jinstema' skond il-ligi;

Semghat it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 208(1)(b)(c)(d) tal-Kap. 12, illi fuq il-provvedimenti tieghu s-socjetà appellanti qed tibbaza l-ewwel talba taghha hawn fuq riprodotta, jiddisponi hekk:
"**208.** (1) Ebda xhud li ma jkunx ingieb fil-qorti ta' l-ewwel grad, ma jista' jingieb fl-appell, hlief –

(a) …;
(b) meta, bil-gurament jew b'mezzi ohra, jigi ppruvat li l-parti li trid iggib ix-xiehda ta' dak ix-xhud ma kienitx taf biha, jew ma setghatx, bil-mezzi li taghti il-ligi, iggib dak ix-xhud fil-qorti ta' l-ewwel grad; jew

(c) meta t-talba biex tingieb ix-xhieda ta' dak ix-xhud tkun saret u giet michuda quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, u l-Qorti fi grad ta' appell tkun ta' fehma li dik ix-xiehda hija ammisssibbli u rilevanti; jew

(d) meta l-Qorti fi grad ta' appell hija ta' fehma li x-xiehda ta' dak ix-xhud hija mehtiega jew utli:

Izda l-Qorti, f'dan il-kaz, tista' fid-decizjoni dwar l-ispejjez, tiehu qies tal-fatt li x-xhud ikun ingieb barra miz-zmien."

Illi t-talba in ezami tas-socjetà appellanti, kwantu bazata fuq id-dispositiv tac-citat artikolu 208(1)(b) tal-Kap. 12, ma tistax tintlaqa' ghaliex, ghal dak illi jirrigwarda Emmanuel sive Wally Gaffarena, zgur illi ma jistghax jinghad illi din is-socjetà ma kienitx taf bih jew ma setghatx tipproducih bhala xhud quddiem l-ewwel Qorti, u dana peress illi lill-istess Emmanuel Gaffarena din is-socjetà elenkatu fost ix-xhieda taghha fil-lista relativa akkompanjanti n-nota ta' eccezzjonijiet taghha (fol. 18). Ghal dak illi jirrigwarda t-talba ghall-produzzjoni ta' l-Ispettur Helga Debono bhala xhud, dina l-Qorti hija konvinta illi s-socjetà appellanti kienet taf biha u setghat tipproduciha fil-pendenza tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti. Infatti, minn qari tar-rikors in ezami jirrizulta illi s-socjetà appellanti trid tipproduci lill-imsemmi Spettur bhala xhud in konnessjoni ma' l-investigazzjonijiet dwar il-frodi allegat mill-istess socjetà. Tajjeb illi jinghad illi s-socjetà ilha tallega dan il-frodi almenu sa minn meta intavolat in-nota ta' eccezzjonijiet taghha fil-kawza odjerna. Dan jemergi minn qari flimkien tas-sitt (6) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta (fol. 15) u mill-kontenut ta' l-ewwel paragrafu tar-rikors in ezami, senjatament il-kliem f'dan il-paragrafu "… l-esponenti qeghdin jeccepixxu n-nullità ta' l-iskrittura … stante nuqqas ta' legalità, veracità u validità, <u>ossija fuq il-bazi ta' frodi</u> …" (sottolinear ta' dina l-Qorti). Huwa veru illi l-Ispettur Helga Debono ma tiffigurax fil-lista tax-xhieda hawn fuq imsemmija, però, fost dawn ix-xhieda jiffigura l-Kummissarju tal-Pulizija (fol. 18) u dina l-Qorti hija konvinta li l-Kummissarju tal-Pulizija gie indikat bhala

xhud mis-socjetà konvenuta in vista ta' l-imsemmija allegazzjoni taghha ta' frodi;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma tistax tifhem ghalfejn is-socjetà appellanti invokat l-artikolu 208(1)(c) tal-Kap. 12 gharrigward ta' l-ewwel talba taghha hawn fuq imsemmija; dana peress illi mill-atti processwali ma jirrizulta b'ebda mod illi s-socjetà appellanti ghamlet talba ghall-produzzjoni ta' Emmanuel Gaffarena u ta' l-Ispettur Helga Debono bhala xhieda u/jew illi tali talba giet michuda mill-ewwel Qorti. Konsegwentement, l-ewwel talba tas-socjetà appellanti, kwantu bazata fuq dak illi jiddisponi l-artikolu 208(1)(c) tal-Kap. 12 ma tistax tigi milqugha;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel talba in ezami anqas kwantu hija bazata fuq id-disposizzjoni ta' l-artikolu 208(1)(d) ma tista' tintlaqa' ghaliex, tenut kont ta' dak illi qed jintalab mis-socjetà konvenuta fir-rikors ta' appell taghha, fil-fehma ta' dina l-Qorti, ix-xiehda ta' Emmanuel Gaffarena u ta' l-Ispettur Helga Debono la hija mehtiega u lanqas utili. Dan qed jinghad peress illi, minn ezami ta' dan ir-rikors ta' appell, jirrizulta illi dak illi qed titlob primarjament s-socjetà konvenuta permezz ta' l-istess rikors huwa (1) illi d-digriet tal-15 ta' Marzu, 2000, illi permezz tieghu l-ewwel Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha illi permezz tieghu kienet awtorizzat il-kjamata fil-kawza ta' l-imsemmi Emmanuel Gaffarena, jigi revokat, u (2) illi s-sentenza appellata tigi dikjarata nulla minhabba ragunijiet ta' natura procedurali;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tieni (2) talba taghha maghmula fir-rikors imsemmi fil-bidu ta' dan il-provvediment s-socjetà konvenuta appellanti qed titlob illi, *ai temini* ta' dak illi jipprovdi l-artikolu 150(1)(a)(b)(d) tal-Kap. 12, dina l-Qorti "tordna li jigi pprezentat l-i*statement* maghmul minn

Emmanuel sive Wally Gaffarena quddiem l-Ispettur Helga Debono …";

Dina t-talba ma tistax tigi milqugha ghaliex, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-allegat *statement* in kwistjoni mhux wiehed illi jista' jigi konsidrat bhala "dokument" illi huwa ammissibbli bhala prova *ai termini* ta' l-artikoli tal-ligi kontenuti fit-Tielet Ktieb, Titolu I, *Sub-titolu II*, tal-Kap. 12 (art. 627 *et seq*.). Huwa utili illi jinghad ukoll illi dina l-Qorti hija konvinta illi permezz tat-talba in ezami s-socjetà konvenuta qed tipprova taghmel tajjeb ghan-nuqqas taghha illi tipproduci lill-imsemmi Emmanuel Gaffarena bhala xhud quddiem l-ewwel Qorti. Ghandu jinghad ukoll, ghall-kompletezza, illi, apparti l-introduzzjoni pjuttost recenti tax-xiehda ta' persuni residenti f'dawn il-Gzejjer permezz ta' *affidavit*, il-ligi taghna tezigi illi "… l-ezami tax-xhieda fis-smigh tal-kawzi ghandu jsir fil-qorti u *viva voce*." (art. 577, Kap. 12). Tajjeb illi ssir riferenza ukoll ghal dak illi jiddisponi l-artikolu 586 tal-Kap. 12 illi jsahhah it-tezi illi huwa biss meta persuna tkun qed tixhed *viva voce* illi tista' ssir xi forma ta' prova permezz ta' dikjarazzjoni bhala ma hija l-allegat *statement* in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) talba kontenuta fir-rikors illi pprovoka l-incident odjern tammonta ghal talba ghas-soprasessjoni ta' dina l-Qorti pendenti l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji inizjati permezz ta' l-att ta' citazzjoni imsemmi fl-istess talba. Minn ezami ta' dan l-att ta' citazzjoni jirrizulta bl-aktar mod car illi l-ewwel (1) talba - iz-zewg (2) talbiet l-ohra huma konsegwenzjali ghall-ewwel (1) wahda - tas-socjetà attrici (is-socjetà appellanti fil-kawza odjerna) u ta' l-atturi l-ohra fil-konfront tal-konvenuti konjugi Gaffarena (l-atturi appellati fil-kawza odjerna) hija prattikament identika ghal dak illi s-socjetà konvenuta appellanti ssottomettiet fis-sitt (6) eccezzjoni taghha (fol. 15), illi già saret riferenza ghaliha f'dan il-provvediment. Konsegwentement, huwa evidenti illi, apparti konsiderazzjonijiet ohra, mhix mehtiega jew indikata s-soprasessjoni mitluba;

Ghal dawn il-motivi:
Tichad it-talbiet kollha tas-socjetà konvenuta appellanti maghmula bir-rikors taghha fuq imsemmi tat-22 ta' Novembru, 2002;

Tordna illi l-ispejjez ta' dan l-incident jigu sopportati mis-socjetà konvenuta appellanti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------